EHEAROME2020

# Komunikat Ministerjali ta' Ruma

19 TA' NOVEMBRU 2020

EUROPEAN
Higher Education Area

bologna process

ITALIAN BFUG SECRETARIAT
2018-2020

Translated within the Erasmus+ project "IN-GLOBAL Enhancing Knowledge of the EHEA and Global Dialogue" in 2023.

The original version of the Rome Communiqué and its annexes are available on the website of the European Higher Education Area:
https://ehea.info/page-ministerial-conference-rome-2020

Co-funded by the European Union

Funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or the European Education and Culture Executive Agency (EACEA). Neither the European Union nor EACEA can be held responsible for them.

Aħna, il-Ministri responsabbli għall-edukazzjoni ogħla, li qed niltaqgħu online fid-19 ta' Novembru 2020, niċċelebraw il-kisbiet tal-21 sena mill-iffirmar tad-Dikjarazzjoni ta' Bolonja. Aħna nikkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħna għall-iżvilupp ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla (EHEA) aktar inklużiva, innovattiva, interkonnessa u reżiljenti.

Nirringrazzjaw lill-Italja għar-rwol ewlieni tagħha fit-tħejjija u l-ospitar tal-konferenza tagħna u talli adattatha għall-isfidi tal-pandemija tal-COVID-19. L-EHEA hija kooperazzjoni unika, mibnija fuq il-fiduċja, fejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati fl-edukazzjoni ogħla jaħdmu flimkien biex jiddefinixxu u jiksbu għanijiet kondiviżi. Bis-saħħa tad-diversità tal-kulturi, il-lingwi u l-ambjenti tagħna, u għall-impenn kondiviż tagħna għall-kwalità, it-trasparenza u l-mobilità, is-sistemi tal-edukazzjoni ogħla tagħna joffru opportunitajiet bla qies għat-tagħlim, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Is-soċjetajiet tagħna qed jiffaċċjaw sfidi bla preċedent konnessi mat-tixrid dinji tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tiegħu. Il-pandemija wriet kemm aħna interdipendenti, u kemm nistgħu nkunu vulnerabbli. Ħareġ evidenti li aħna lkoll parti minn dinja waħda, fejn is-solidarjetà umana hija imperattiva. Napprezzaw u nirrikonoxxu ħafna l-isforzi tal-komunità tal-edukazzjoni ogħla biex tlaħħaq ma' dawn l-isfidi u nikkonfermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħna li nipprovdu edukazzjoni ogħla ta' kwalità, inklużiva, u li tissodisfa l-firxa sħiħa tal-għanijiet tagħha wkoll fi żminijiet ta' kriżi.

Aħna determinati li ngħinu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla tagħna jimpenjaw ruħhom mas-soċjetajiet tagħna biex jindirizzaw it-theddidiet multipli għall-paċi globali, il-valuri demokratiċi, il-libertà tal-informazzjoni, is-saħħa u l-benessri – mhux l-inqas dawk maħluqa jew aggravati mill-pandemija. Aħna nimpenjaw lilna nfusna li nkomplu u nżidu l-investiment tagħna fl-edukazzjoni, biex nżguraw li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla jkollhom finanzjament xieraq biex jiżviluppaw soluzzjonijiet għall-kriżi attwali, jirkupraw wara l-kriżi, u b'mod ġenerali, jkun hemm tranżizzjoni lejn ekonomiji u soċjetajiet ekoloġiċi, sostenibbli u reżiljenti.

Aħna impenjati li negħlbu l-inugwaljanzi soċjali li għadhom jillimitaw il-kisba ta' EHEA kompletament inklużiva. Id-diġitalizzazzjoni ppermettiet li ħafna mis-sistemi tagħna jkomplu jiffunzjonaw matul il-pandemija tal-COVID-19, għalkemm l-użu intensifikat tal-mezzi diġitali wera ċerti limiti. Bl-esperjenza konsolidata tagħha ta' kooperazzjoni u riċerka transnazzjonali u internazzjonali, l-edukazzjoni ogħla għandha tieħu rwol ewlieni fl-esplorazzjoni u l-għoti ta' pariri dwar kif tindirizza u tegħleb dawn il-limitazzjonijiet.

Inħarsu b'determinazzjoni u ottimiżmu lejn l-2030, kunfidenti li se jirnexxielna nrawmu kooperazzjoni aktar effettiva u djalogu eqreb bejn il-pajjiżi tagħna, is-sistemi u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla tagħna u mal-komunità usa' tal-edukazzjoni ogħla.

Bi pjaċir nilqgħu lil San Marino bħala Membru ġdid tal-EHEA. San Marino se jkun appoġġat fl-implimentazzjoni tal-impenji tiegħu bi pjan direzzjonali miftiehem.

# Il-Viżjoni Tagħna

Aħna naraw l-EHEA bħala żona fejn l-istudenti, il-persunal u l-gradwati jistgħu **jiċċaqilqu liberament** biex jistudjaw, jgħallmu u jagħmlu riċerka. **L-EHEA tal-viżjoni tagħna se tirrispetta bis-sħiħ il-valuri fundamentali tal-edukazzjoni ogħla, id-demokrazija u s-saltna tad-dritt**. Se tinkoraġġixxi l-kreattività, il-ħsieb kritiku, iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-għarfien u se tespandi l-opportunitajiet offruti mill-iżvilupp teknoloġiku għat-tagħlim ibbażat fuq ir-riċerka. Se tiżgura li s-sistemi ta' edukazzjoni ogħla tagħna joffru lill-istudenti kollha ekwità ta' opportunitajiet skont il-potenzjal u l-aspirazzjonijiet tagħhom. Aħna nirrikonoxxu li l-kisba ta' dan se teħtieġ li jiġu implimentati politiki u miżuri implimentattivi fl-oqfsa nazzjonali tagħna, li wħud minnhom se jmorru lil hinn mis-sistemi ta' edukazzjoni ogħla tagħna u se jinvolvu allinjament usa' ta' strateġiji ekonomiċi nazzjonali, finanzjarji u soċjali.

Biex nilħqu l-viżjoni tagħna, aħna nimpenjaw lilna nfusna li nibnu EHEA inklużiva, innovattiva u interkonnessa sal-2030, li tkun kapaċi ssostni Ewropa sostenibbli, koeżiva u paċifika:

- **Inklużiva**, għaliex kull student ser ikollu aċċess ekwu għall-edukazzjoni ogħla u se jkun appoġġat bis-sħiħ fit-tlestija ta' l-istudji u t-taħriġ tiegħu;
- **Innovattiva**, għax se tintroduċu metodi, prattiki ta' tagħlim u assessjar ġodda u allinjati aħjar, marbuta mill-qrib mar-riċerka;
- **Interkonnessa**, minħabba li l-oqfsa u l-għodod kondiviżi tagħna se jkomplu jiffaċilitaw u jsaħu l-kooperazzjoni u r-riforma internazzjonali, l-iskambju tal-għarfien u l-mobilità tal-persunal u l-istudenti.

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla għandhom il-potenzjal li jagħtu spinta għal bidla kbira – itejbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-istudenti u tas-soċjetà biex jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, l-protezzjoni ta' l-ambjent u għanijiet kruċjali oħra. Għandhom jippreparaw lill-istudenti biex **isiru ċittadini attivi, kritiċi u responsabbli** u joffru opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja biex jappoġġawhom fir-rwol tagħhom fis-soċjetà.

L-edukazzjoni ogħla se tkun attur ewlieni biex **jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti sal-2030**. Aħna nimpenjaw ruħna li nappoġġaw l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla tagħna sabiex l-kapaċitajiet edukattivi, ta' riċerka u ta' innovazzjoni tagħhom jilħqu dawn l-għanijiet globali fundamentali u biex nużaw ir-riżorsi li jiżguraw li s-sistemi tal-edukazzjoni ogħla tagħna jikkontribwixxu għall-kisba ta' dawn **l-SDGs**. Il-mixja lejn in-newtralità klimatika hija essenzjali għalina lkoll, u l-istudenti jridu jkunu ppreparati għal impjiegi u attivitajiet ġodda "ħodor". Għandhom jiġu offruti opportunitajiet ta' titjib fil-ħiliet u l-kisba ta' ħiliet mill-ġdid f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, u jkunu mgħejjuna jiżviluppaw u japplikaw teknoloġiji u approċċi ġodda.

**Edukazzjoni ta' kwalità** se tkompli tkun il-karatteristika tal-EHEA. Kultura robusta **ta' integrità akkademika u xjentifika** li timblokka kull forma ta' frodi akkademika u distorsjoni tal-verità xjentifika, se tkun appoġġata mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla kollha u l-awtoritajiet pubbliċi kollha.

# Valuri Fundamentali

Aħna naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna li nippromwovu u nipproteġu l-**valuri fundamentali kondiviżi tagħna fl-EHEA kollha permezz ta' djalogu politiku intensifikat u kooperazzjoni**, bħala l-bażi meħtieġa għal tagħlim u riċerka ta' kwalità kif ukoll għal soċjetajiet demokratiċi. Aħna nimpenjaw ruħna li nsostnu l-awtonomija istituzzjonali, il-libertà u l-integrità akkademika, il-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-persunal fil-governanza tal-edukazzjoni ogħla, u r-responsabbiltà pubblika għal edukazzjoni ogħla.

Nitolbu lill-BFUG jiżviluppa **qafas** għat-titjib tal-valuri fundamentali tal-EHEA li jrawwem awtoriflessjoni, djalogu kostruttiv u tagħlim bejn il-pari fost l-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, filwaqt li jagħmilha possibbli wkoll li jiġi vvalutat il-grad sa fejn dawn huma onorati u implimentati fis-sistemi tagħna. Aħna nadottaw **id-definizzjoni tal-libertà akkademika** bħala l-libertà tal-persunal akkademiku u l-istudenti biex jidħlu fir-riċerka, it-tagħlim u l-komunikazzjoni fis-soċjetà u mas-soċjetà mingħajr interferenza u lanqas biża' ta' ritaljazzjoni (***Anness I***).

Aħna nikkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħna li nrawmu l-etika, it-trasparenza u l-integrità fl-edukazzjoni u r-riċerka u ninnotaw li l-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Etika, it-Trasparenza u l-Integrità fl-Edukazzjoni (ETINED) toffri l-possibbiltà għall-membri kollha tal-EHEA, il-membri konsultattivi u l-imsieħba biex jikkooperaw sabiex jintlaħaq dan il-għan.

# Nibu l-Futur

## EHEA inklużiva

**Edukazzjoni ogħla soċjalment inklużiva** se tibqa' fil-qalba tal-EHEA u se teħtieġ li jiġu pprovduti opportunitajiet u appoġġ għall-inklużjoni ekwa ta' individwi mill-isferi kollha tas-soċjetà. L-istudenti bi sfondi soċjoekonomiċi, professjonali, kulturali u edukattivi differenti għandu jkollhom il-possibbiltà u l-għodod li jfittxu u jagħmlu użu, fi kwalunkwe żmien tal-ħajja, mill-possibilitajiet edukattivi l-aktar utli għalihom.

Aħna nimpenjaw ruħna li nsaħħu l-inklużjoni soċjali u ntejbu l-edukazzjoni ta' kwalità, billi nużaw bis-sħiħ l-opportunitajiet il-ġodda pprovduti mid-diġitalizzazzjoni. Filwaqt li s-soċjetajiet tagħna jiddependu dejjem aktar fuq teknoloġiji innovattivi, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, irridu niżguraw li dawn josservaw l-istandards etiċi u d-drittijiet tal-bniedem u jrawmu l-inklużjoni. Aħna nirrikonoxxu li d-diġitalizzazzjoni ma toffrix soluzzjonijiet 'one size fits all', u nitolbu lill-BFUG jipproponi modi li bihom l-istudenti kollha jistgħu jibbenefikaw mit-teknoloġiji l-ġodda.

Aħna nadottaw il- "**Prinċipji u Linji Gwida biex Tissaħħaħ id-Dimensjoni Soċjali tal-Edukazzjoni Ogħla fl-EHEA**" (***Anness II***) ibbażati fuq fehim wiesa' tad-dimensjoni soċjali, u nimpenjaw ruħna li nimplimentawhom fis-sistemi tagħna. Se ninvolvu ruħna fi djalogu politiku wiesa' dwar kif nimplimentaw il-prinċipji u l-linji gwida b'mod sħiħ fuq livell nazzjonali. Aħna se nappoġġjaw l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla tagħna fl-integrazzjoni tagħhom fil-kultura istituzzjonali u l-missjonijiet ewlenin tagħhom: tagħlim, riċerka u innovazzjoni, ċirkolazzjoni ta' għarfien u sensibilizzazzjoni, governanza u ġestjoni istituzzjonali. Nitolbu lill-BFUG biex jirrapporta lura lilna fl-2024 dwar il-passi meħuda u l-miżuri ta' monitoraġġ relatati biex jiġi żgurat segwitu bbażat fuq l-evidenza.

Aħna nirrikonoxxu l-importanza li nħarsu d-drittijiet tal-istudenti permezz tal-leġiżlazzjoni; aħna nimpenjaw li niżviluppawhom u nappoġġjawhom fis-sistemi nazzjonali tagħna permezz ta' miżuri u strutturi ddedikati, bħal ombudspersons tal-istudenti jew soluzzjonijiet simili li diġà jeżistu f'ħafna pajjiżi tal-EHEA. Aħna nimpenjaw ruħna li nsostnu tali arranġamenti fil-pajjiżi tagħna u s-sistemi ta' edukazzjoni ogħla u se ninkoraġġixxu l-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk Ewropew tal-Ombuds fl-Edukazzjoni Għolja (ENOHE).

## EHEA Innovattiva

Aħna nappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla tagħna biex jintensifikaw it-tfittxija tagħhom għal **soluzzjonijiet għall-isfidi li jiffaċċjaw is-soċjetajiet tagħna. Ix-xjenzi u l-arti soċjali, umani u kreattivi** għandhom ikomplu jaqdu r-rwol vitali tagħhom, billi jagħtu sense lil ħajjitna u jippermettulna nifhmu u naġixxu f'dinja li qed tinbidel. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla tagħna għandhom jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet tagħhom biex iwettqu attivitajiet konġunti ta' benefiċċju reċiproku u soċjalment responsabbli.

**Aġġornamenti mgħaġġla tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi** se jkunu meħtieġ biex jirrispondu għall-isfidi u jiġu żviluppati l-opportunitajiet li se jġib miegħu d-deċennju l-ġdid. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla se jkomplu jiddiversifikaw l-offerta ta' tagħlim tagħhom u jinnovaw fil-kontenut u l-modi ta' twassil sabiex jirrispondu għall-ħtiġijiet dejjem jikbru ta' ħsieb innovattiv u kritiku, intelliġenza emozzjonali, tmexxija, ħidma f'tim u abbiltajiet ta' soluzzjoni ta' problemi, kif ukoll attitudnijiet intraprendenti.

**Mogħdijiet ta' tagħlim flessibbli u miftuħa**, parti mill-ispirazzjoni oriġinali għall-Proċess ta' Bolonja, huma aspetti importanti tat-**tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti** u qegħdin f'domanda dejjem tikber fis-soċjetajiet tagħna. Minbarra l-programmi ta' lawrja sħaħ, ħafna istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla joffru jew jippjanaw li joffru **unitajiet iżgħar ta' tagħlim**, li jippermettu lill-istudenti jiżviluppaw jew jaġġornaw il-ħiliet u l-kompetenzi kulturali, professjonali u trasversali tagħhom f'diversi stadji ta' ħajjithom. Nitolbu lill-BFUG biex jesplora kif u sa liema punt dawn l-**unitajiet iżgħar u flessibbli, inklużi dawk li jwasslu għal mikrokredenzjali**, jistgħu jiġu definiti, żviluppati, implimentati u rikonoxxuti mill-istituzzjonijiet tagħna bl-użu tal-għodod tal-EHEA.

Aħna nadottaw ir-"**Rakkomandazzjonijiet lill-Awtoritajiet Nazzjonali għat-Titjib tat-Tagħlim u t-Tagħlim tal-Edukazzjoni Ogħla fl-EHEA**" (***Anness III***) u nimpenjaw ruħna li nsegwuhom, nappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fl-implimentazzjoni ulterjuri tat-tagħlim iċċentrat fuq l-istudent. Ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu appoġġ akbar għall-istudenti kollha, u għall-persunal tal- għalliema u dak mhux akkademiku. L-istaff akkademiku, inklużi akkademiċi junior, jeħtieġ opportunitajiet ta' impjieg u karriera stabbli, parità ta' rispett għat-tagħlim u r-riċerka, kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti, aċċess aġġornat għal żvilupp tal-persunal, u rikonoxximent tal-kisbiet tagħhom. F'dawn l-aspetti kollha se nrawmu d-djalogu u l-kollaborazzjoni dwar it-tagħlim fis-sistemi nazzjonali tagħna u fil-livell tal-EHEA.

Aħna nimpenjaw ruħna li nappoġġaw l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla tagħna fl-użu tat-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim, il-valutazzjoni, kif ukoll għall-komunikazzjoni u r-riċerka akkademika, u li ninvestu fl-**iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi diġitali għal kulħadd**. Aħna nimpenjaw ruħna fl-iżvilupp ta' xjenza u edukazzjoni miftuħa biex niffaċilitaw l-iskambju ta' għarfien u **materjali liċenzjati b'mod miftuħ** li jistgħu jiġu kondiviżi faċilment fost il-partijiet interessati tal-edukazzjoni ogħla, u li jistgħu jadattawhom u jerġgħu jużawhom għall-bżonnijiet tagħhom.

## EHEA interkonnessa

**Kooperazzjoni u mobilità** jgħaqqdu s-sistemi tagħna u jrawmu l-iżvilupp ta' kompetenzi interkulturali u lingwistiċi, għarfien usa' u fehim tad-dinja tagħna. Il-kuntatti diretti u s-sinerġiji fost il-kulturi differenti tagħna u s-sistemi ta' edukazzjoni ogħla; permezz tal-mobilità tal-persunal u l-istudenti, jikkontribwixxu għall-eċċellenza u r-rilevanza tal-edukazzjoni ogħla fl-EHEA, u jagħmluha attraenti u kompetittiva fuq skala globali. Aħna nirrikonoxxu l-importanza u l-benefiċċji tal-mobilità fiżika għall-istudenti, il-kandidati għad-dottorat u l-persunal. Minkejja d-diffikultajiet attwali relatati mal-pandemija tal-COVID-19, aħna naffermaw mill-ġdid il-mira tagħna li mill-inqas **20 % ta' dawk li jiggradwaw fl-EHEA** għandhom ikunu esperjenzaw perijodu ta' studju jew taħriġ barra mill-pajjiż, u **nimpenjaw ruħna aktar biex nippermettu lill-istudenti kollha jiksbu kompetenzi internazzjonali u interkulturali permezz tal-internazzjonalizzazzjoni tal-kurrikuli** jew il-parteċipazzjoni f'ambjenti **internazzjonali innovattivi** fl-istituzzjonijiet domestiċi tagħhom, **u biex jesperjenzaw xi forma ta' mobilità**, kemm jekk tat-tip fiżiku, imtejba diġitalment (virtwali) jew imħallta.

Is-soluzzjonijiet diġitali se jiffaċilitaw l-**iskambju sigur, effiċjenti u trasparenti tad-data**. Huma meħtieġa approċċi diġitali konġunti biex itejbu r-rikonoxximent, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-mobilità. Nitolbu lill-BFUG biex ifassal pjan direzzjonali bis-soluzzjonijiet eżistenti u jsib soluzzjonijiet ġodda biex ittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi diġitali u l-iskambju ta' data tal-istudenti u istituzzjonali b'rispett sħiħ tal-privatezza u s-sigurtà, filwaqt li jitqiesu l-esperjenzi tal-Inizjattiva tal-Karta tal-Istudenti Ewropea u inizjattivi oħra.

Kooperazzjoni aktar profonda bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla se tgħin biex jiġu indirizzati l-għanijiet ta' hawn fuq permezz ta' tagħlim u riċerka konġunti. Se nistinkaw biex neliminaw l-ostakli għall-kooperazzjoni fil-livelli nazzjonali u biex l-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni ogħla fl-EHEA jkunu jistgħu jibbenefikaw minnha. L-alleanzi ffurmati taħt l-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej jikkostitwixxu mod importanti ta' kif tiġi esplorata kooperazzjoni sistemika aktar profonda u fuq skala akbar, li tkun tista' tkun ta' għajnuna biex jinstabu u jingħelbu l-ostakli għal kooperazzjoni transnazzjonali eqreb mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fil-futur.

# Implimentazzjoni

Nieħdu nota tar-riżultati deskritti fir-**Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja** dwar il-progress li sar matul l-aħħar għoxrin sena. Il-kisbiet huma impressjonanti. Madankollu huwa meħtieġ aktar xogħol biex jiġi żgurat li l-EHEA tkun mibnija fuq pedamenti sodi, kapaċi li tappoġġja edukazzjoni ogħla interkonnessa, innovattiva u inklużiva fid-deċennju li ġej.

Aħna noqogħdu fuq l-appoġġ kontinwu tal-Programm Erasmus u programmi oħra ta' mobilità u kooperazzjoni biex nappoġġaw l-impenji tagħna.

Fil-Konferenza Ministerjali ta' Pariġi tal-2018 iddeċidejna li niddedikaw sforz speċjali biex titlesta l-implimentazzjoni ta' tliet "**Impenji Ewlenin**" essenzjali għall-funzjonament tal-EHEA: l-Oqfsa tal-Kwalifiki u l-ECTS, il-Konvenzjoni ta' Rikonoxximent ta' Lisbona u s-Suppliment tad-Diploma, u l-Assigurazzjoni tal-Kwalità skont il- Standards u Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Ogħla (ESG).

Aħna nikkonfermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħna li naraw l-Impenji Ewlenin implimentati bis-sħiħ. Nitolbu lill-BFUG biex ikompli juża l-**metodu ta' appoġġ bejn il-pari** biex jinkiseb dan. Aħna nimpenjaw ruħna għall-parteċipazzjoni kontinwa u kontribuzzjoni għal dan l-isforz.

Aħna nimpenjaw ruħna li nlestu u nkomplu niżviluppaw l-**Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki** kompatibbli mal-**Qafas Ġenerali tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Ogħla (QF-EHEA)** u nitolbu lill-BFUG jaġġorna l-kriterji għall-awtoċertifikazzjoni biex jinkludi element aktar b'saħħtu ta' reviżjoni bejn il-pari tar-rapporti nazzjonali. Aħna nagħtu mandat lin-**Netwerk tal-korrispondenti tal-QF** biex ikompli bil-ħidma tiegħu, billi jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-QF-EHEA u l-awtoċertifikazzjoni tal-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki skont din.

Se nsaħħu l-implimentazzjoni tal- **Kunsill tal-Ewropa/UNESCO Konvenzjoni ta' Rikonoxximent ta' Lisbona** u napplikaw il-prinċipji tagħha għal kwalifiki u perjodi ta' studju barra l-EHEA, bl-użu ta' kriterji ta' valutazzjoni komuni u rapporti, b'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Konvenzjoni ta' Rikonoxximent ta' Lisbona u n-Netwerks ENIC u NARIC.

Se niżguraw **rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki akkademiċi u perjodi ta' studju fi ħdan l-EHEA** sabiex l-istudenti, l-istaff u l-gradwati jkunu jistgħu jiċċaqilqu liberament biex jistudjaw, jgħallmu u jagħmlu riċerka. Se nagħmlu l-bidliet leġiżlattivi meħtieġa biex niggarantixxu rikonoxximent awtomatiku fil-livell tas-sistema għall-kwalifiki mogħtija fil-pajjiżi tal-EHEA fejn l-assigurazzjoni tal-kwalità topera f'konformità mal-ESG u fejn ikun ġie stabbilit qafas ta' kwalifiki nazzjonali kompletament operattiv. Inħeġġu wkoll l-applikazzjoni ta' sistemi miftiehma u siguri ta' ċertifikazzjoni diġitali u komunikazzjoni bħall-blockchain, kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri tad-Database of External Quality Assurance Results (DEQAR) biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent awtomatiku.

Aħna nimpenjaw ruħna li nirrevedu l-leġiżlazzjonijiet, ir-regolamenti u l-prattiki tagħna stess biex niżguraw rikonoxximent ġust tal-kwalifiki miżmuma minn refuġjati, persuni spostati u persuni f'sitwazzjonijiet simili għar-refuġjati, anke meta ma jistgħux jiġu dokumentati bis-sħiħ, u dan skont l-Artikolu VII tal-Konvenzjoni ta' Rikonoxximent ta' Lisbona. Aħna nilqgħu l-**Passaport Ewropew tal-Kwalifiki għar-Refuġjati** u se nappoġġaw l-użu wiesgħa u ulterjuri tiegħu fis-sistemi tagħna.

Aħna nirrikonoxxu l-progress li sar fl-iżvilupp ta' **sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità** allinjati mal-ESG, u nintrabtu li nneħħu l-ostakli li fadal, inklużi dawk relatati mal-operat transkonfinali tal-aġenziji reġistrati fl-EQAR u l-applikazzjoni tal-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti. Aħna nimpenjaw ruħna li niżguraw li l-arranġamenti esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità tagħna jkopru edukazzjoni ogħla transnazzjonali fl-EHEA bi standards ugwali għall-provvista domestika. Fid-dawl tal-ħtieġa għal aktar flessibbiltà u ftuħ tal-mogħdijiet ta' tagħlim, unitajiet iżgħar ta' tagħlim u sinerġiji akbar fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, inħeġġu **użu orjentat lejn it-titjib tal-ESG biex tkun appoġġjata l-innovazzjoni fl-edukazzjoni ogħla u l-assigurazzjoni tal-kwalità tagħha.**

Aħna nimpenjaw ruħna li nsaħħu l-kooperazzjoni maż-**Żona Ewropea tar-Riċerka**. Nappellaw biex il-BFUG jaħdem mill-qrib maż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Kumitat għall-Innovazzjoni (ERAC) biex ittejjeb is-sinerġiji u l-allinjament bejn l-edukazzjoni u l-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-enfasi se tkun fost l-oħrajn fuq l-iżvilupp ta' tagħlim ibbażat fuq ir-riċerka, il-garanzija tal-libertà akkademika u xjentifika, u l-kontribut għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Aħna nimpenjaw ruħna li **nibnu komunità ta' edukazzjoni ogħla aktar konnessa mill-qrib u sostenibbli**, li trawwem l-inklużjoni, il-komunikazzjoni, il-kooperazzjoni u s-solidarjetà, essenzjali għar-**rilevanza u l-eċċellenza tal-EHEA futura**. Biex inwettqu dan, aħna nimpenjaw ruħna li nżommu lis-setturi nazzjonali tal-edukazzjoni ogħla tagħna infurmati u involuti fl-iżviluppi tal-EHEA, u li naħdmu mill-qrib ma' assoċjazzjonijiet u netwerks tal-istudenti u tal-edukazzjoni ogħla dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' riformi nazzjonali. Aħna nirrikonoxxu l-importanza tal-konsultazzjonijiet wesgħin magħmula biex jiġu identifikati l-prijoritajiet għall-futur tal-EHEA, u nitolbu lill-BFUG biex jorganizza avvenimenti tal-EHEA bħal **seminars transnazzjonali, workshops u seduti ta' smigħ** li jinvolvu l-komunità usa' tal-edukazzjoni ogħla (studenti, persunal akkademiku u partijiet interessati esterni), biex jiddiskutu miri preżenti u futuri u jesploraw modi kollaborattivi biex dawn jiġu indirizzati.

## L-EHEA f'kuntest globali

Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 għamlitha impossibbli li jsir il-Forum tal-Politika Globali kif kien maħsub, aħna kuntenti li l-Konferenza tagħna tinkludi sessjoni globali. Aħna nerġgħu nimpenjaw ruħna għal djalogu internazzjonali dwar il-valuri, il-politiki, u r-riformi tal-edukazzjoni ogħla, billi nibbażaw fuq l-esperjenzi tal-EHEA kif ukoll dawk ta' żoni oħra tad-dinja, u nitolbu lill-BFUG biex ikompli jiżviluppa u jsaħħaħ id-Djalogu Globali fil-perjodu ta' ħidma li ġej.

Aħna nilqgħu l-adozzjoni tal-**Konvenzjoni Globali tal-UNESCO dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki li tikkonċerna l-Edukazzjoni Ogħla u nintrabtu li din tkun ratifikata minnufih**, sabiex niffaċilitaw ir-rikonoxximent ġust tal-kwalifiki u l-perjodi ta' studju minn barra l-EHEA, bl-użu ta' kriterji u rapporti ta' valutazzjoni konformi mal-Konvenzjoni ta' Liżbona għar-Rikonoxximent.

Napprezzaw l-inklużjoni fil-**Magna Charta Universitatum**, aġġornata reċentement, tal-valuri globali tad-diversità u r-responsabbiltà soċjali u ċivika.

## Konklużjoni

Nappellaw lill-BFUG biex jindirizza l-azzjonijiet u l-prijoritajiet indikati għall-għaxar snin li ġejjin bl-iskop ġenerali li tinħoloq **Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla li tissodisfa l-viżjoni tagħna u tilħaq l-miri tagħna sal-2030**. Għall-Konferenza tagħna fl-2024 aħna nagħtu mandat lill-BFUG biex jipproduċi rapport ta' implimentazzjoni li jivvaluta l-progress fl-impenji miftiehma tagħna.

Aħna naċċettaw b'gratitudni l-offerta mill-Albanija li tospita l-Konferenza Ministerjali li jmiss tal-EHEA u l-Forum tal-Politika Globali fl-2024.

## Annessi

- ***Anness I*** għall-Komunikat Ministerjali ta' Ruma: Dikjarazzjoni dwar il-Libertà Akkademika
- ***Anness II*** għall-Komunikat Ministerjali ta' Ruma: Prinċipji u Linji Gwida biex Tissaħħaħ id-Dimensjoni Soċjali tal-Edukazzjoni Ogħla fl-EHEA
- ***Anness III*** għall-Komunikat Ministerjali ta' Ruma: Rakkomandazzjonijiet lill-Awtoritajiet Nazzjonali għat-Titjib tat-Tagħlim tal-Edukazzjoni Ogħla fl-EHEA

Co-funded by
the European Union

This translation is co-funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or the European Education and Culture Executive Agency (EACEA). Neither the European Union nor EACEA can be held responsible for them.

EUROPEAN
Higher Education Area

bologna
process

ITALIAN **BFUG** SECRETARIAT
**2018-2020**